MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 322/2003/1

**Vanguard Billiard Tables Ltd**

**vs**

**Zurrieq Football Club**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Novembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati prevja occorrendo d-dikjarazzjoni li l-‘club’ konvenut kien responsabbli ghal ksur tal-klawsoli 8(b) u (c) u 9 tal-ftehim iffirmat fis-16 ta’ Lulju, 2001 (Dok. ‘A’ anness), (a) is-somma ta’ elf lira maltin (Lm1000)

moghtija lil club konvenut skond il-klawsola wiehed (1) tat-Tieni Skeda tal-imsemmi ftehim u dovuta in rifusjoni skond il-klawsola 4 tal-istess Skeda ; u (b) is-somma ta' elfejn liri maltin (Lm2000) dovuta bhala penali ai termini tal-klawsola 8 tal-ftehim fuq imsemmi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 24 ta' Ottubru, 2002 u tal-manda ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali fuq iz-zewg somom dovuti mid-data tal-ittra interpellatorja u cioe' l-24 ta' Ottubru, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1. Fl-ewwel lok it-talba attrici hija wahda infondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. L-ammont indikat fl-avviz mhux dovut mis-socjeta' konvenuta;
3. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit jekk se mai kien hemm ksur ta' kundizzjonijiet tal-Iskrittura Privata, dan kien minn naha tas-socjeta' attrici;
4. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta' attrici huma ghal kollox inveritiera u jikkonsistu biss f'mezz qarrieq sabiex wiehed ikun jista' jinhall minn skrittura privata u jiehu vantagg minnha;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

M’hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-kuntratt li gie ffirmat bejniethom fis-16 ta’ Lulju, 2001, u li jinsab esibit a fol. 2 tal-process immarkat dokument ‘A’. Lanqas m’hemm kontestazzjoni dwar dak illi gie pattwit fl-iskeda annessa ma’ l-istess kuntratt li tinsab a fol. 4 tal-process.

Minn naha tal-atturi dawn qeghdin isostnu illi l-klabb konvenut kiser il-klawsola 8(c) tal-kuntratt in kwistjoni u ghaldaqstant b’applikazzjoni tal-istess klawsola 8 il-klabb ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) bhala penali kif gie pattwit fl-istess kuntratt.

Inoltre, l-atturi jsostnu illi skond il-klawsola 4 tat-tieni (2) skeda annessa mall-kuntratt, stante l-ksur tal-klawsola 8 tal-kuntratt principali, il-konvenuti huma tenuti illi jirrifondu lura lill-atturi s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) li kienu rcevew mall-firma tal-kuntratt.

Ghaldaqstant kollox huwa mpernjat fuq l-allegazzjoni illi l-konvenuti matul is-sena illi l-magni tal-loghob in kwistjoni damu fil-kazin huma kienu qieghdin ihalluhom mitfijin u ma jikkomunikawhomx mas-sistema ta’ luce elettrika tal-kazin.

Evidentement, jispetta lill-atturi illi jgibu provi sodisfacenti dwar dak li qeghdin jallegaw u in sostenn ta dan l-atturi pproducew bhala xhieda lil Daniel Schembri, direttur tal-kumpanija attrici, u lil Alfred Azzopardi mpjegat mall-kumpanija attrici u li kellhu l-inkarigu illi jaccedi fil-kazin biex minn hemmhekk jigbor il-flus illi jkunu thallsu ghall-loghob fil-magni.

Daniel Schembri, fid-deposizzjoni tieghu tal-20 ta’ Novembru, 2003, xehed illi huwa kien imur fil-kazin flimkien ma’ Alfred Schembri f’hinijiet meta l-kazin kien ikun miftuh.

Testwalment xehed “Kien ikun hemm nies mall-bank; fil-‘bar’ kien ikun hemm ukoll ‘amusment machines’ u apparat ta’ distributuri ohrajn. Izda dan kien skond il-ftehim. *Kien hemm okkazzjonijiet fejn oltre l-apparat*

*taghna sibna anke apparat ta' haddiehor mitfi, izda fil-maggor parti konna nsibu li l-apparat ta' haddiehor huwa mixghul imma taghna mitfi.*"

Alfred Azzopardi kkonferma illi kien huwa l-persuna nkarigata biex jaccedi normalment fil-kazin u qabel ma kien imur lejn il-kazin kien jaghti pre-avviz tal-vizita tieghu.

Jallega illi nonostante li kien jilmenta kemm mal-'barman' kif ukoll mar-rappresentanti tal-kumitat tal-kazin konvenut, huwa f'okkazjonijiet kien isib il-magni tal-kumpanija attrici mitfijin. Kien imur darbtejn fix-xahar ghall-bidu izda minhabba rikavat minimu tal-magni huwa beda jaccedi fil-kazin darba fix-xahar. Pero' m'ghamel l-ebda accenn illi f'xi okkazzjoni seta' kien akkumpanjat minn xi haddiehor rappresentant tal-kumpanija attrici.

Dawn il-provi pero' gew ikkontestati mill-konvenuti li pproducew il-president tal-klabb konvenut, Joseph Farrugia, illi ddikjara illi f'ebda hin ma kien gie avvicinat minn xi rappresentant tal-kumpanija attrici u nnega wkoll li kien irceva xi lment illi xi magni tal-kumpanija attrici setghu kienu mitfijin.

Il-konvenuti pproducew ukoll bhala xhieda lill-'barmen' illi kienu jahdmu fil-kazin fiz-zmien in kwistjoni: Alfred D'Amato u Charles Aquilina. Dawn it-tnejn ikkonfermaw illi qatt ma kien hemm okkazzjoni fejn kienu tfew il-magni tal-loghob ta' l-atturi u illi ddikjaraw it-tnejn illi qatt ma sar xi lment dwar li l-magni setghu kienu mitfijin minn xi rappresentant tal-kumpanija attrici.

Anzi Charles Aquilina jsostni, illi l-magni tal-loghob kienu kkomunikati mas-sistema ta' luci elettrika u kienu jinxteghlu u jintfew kull meta kien jinxteghel jew jintefa' il-kazin mis-'circuit breaker'.

Ghaldaqstant, stante din il-kontestazzjoni l-provi prodotti mill-atturi fin-nuqqas ta' xi ebda indizju iehor illi jista' jikkorobora l-verzjoni taghhom ma tistax titqies li giet ippruvata.

Anzi, l-fatt illi Alfred Azzopardi ma jikkonfermax illi huwa xi darba kien gie akkompanjat minn Daniel Schembri fil-visti regolari li kien jaghmel il-kazin, il-fatt illi ma tirrizulta ebda raguni logika ghaliex il-kazin kellu jitfi l-magni tal-atturi meta kemm il-‘barman’ kif ukoll il-kazin stess kellu sehem mir-rikavat u l-kunsiderazzjoni illi mhux aspettat li l-magni jithallew mitfijin anke meta l-kazin ikunu ngghata peravviz tal-vizita da part tar-rappresentant ta’ l-atturi huma lkoll indizji li jdghajjfu l-allegazzjoni attrici u jsahhu l-verzjoni tal-konvenuti.

Il-fatt wahdu illi effettivament ir-rikavat li kienu jiehdu l-atturi minn dawn il-magni kien minimu, mhuwiex wahdu bizzejjed biex iservi bhala ndizju li fuqu tista’ tigi kkoroborata l-verzjoni tal-atturi li l-magni taghhom kienu jkunu mitfijin.

Ghaldaqstant issib illi l-atturi ma waslux ghall-prova minnhom rikjesta u ghaldaqstant qieghda tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra taghhom.”

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b’ din is-sentenza u appellat minnha lil dina l-Qorti.  Fost il-motivi ta’ mpunjazzjoni suggeriti minnha nsibu illi, dejjem skond din is-socjeta`, l-ewwel Qorti illimitat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq jekk il-Club konvenut kienx kiser, jew le, l-istipulazzjonijiet tal-klawsoli 8 (b) u (c) ta’ l-iskrittura.  Hi tillanja li l-ewwel Qorti injorat il-kawzali bazata fuq l-klawsola 9.  Tilmenta wkoll, b’ aggravju iehor, illi l-ewwel Qorti ma ghamletx apprezzament sew tal-provi prodotti. Dan ghaliex, fil-fehma taghha, kellu jkun ovvju li l-provi tal-Club konvenut kienu jikkontjenu kontraddizzjonijiet sostanzjali li gew sorvolati minn dik il-Qorti;

L-azzjoni tas-socjeta` attrici kienet tiddependi unikament mill-pretensjoni taghha li l-Club konvenut kien ivvjola l-klawsoli 8 (b) u (c) u 9 ta’ l-iskrittura ta’ ftehim datat 16 ta’ Lulju 2001 (fol. 2).  In essenza, klawsola 8 hi klawsola penali mahsuba ghal kaz fejn il-Club konvenut ikun, *inter alia*, baghbas mal-magni lilu provvduti “*in such a manner*

*as to effect the normal condition and function of such equipment*” [subparagrafu (b)] jew iddiskonnettja l-kurrent elettriku “*or prevent in any manner the use of such equipment without prior notice given to the Company*” [subparagrafu (c)]. Kwantu ghall-klawsola 9 din tipprovdi ghad-dritt rizervat lill-kumpanija appellanti li tittermina l-ftehim jekk is-sehem taghha mill-introjti tal-magni jkun inferjuri ghal Lm200 fix-xahar;

Is-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti huma fis-sens illi (i) kien hemm kontravvenzjoni tal-klawsola 8 (b) u (c) tal-ftehim da parti tal-Club konvenut li jintitolaha tiddomanda l-penali pattwita u (ii) la l-introjtu kien inferjuri ghall-ammont stipulat allura hi kellha dritt tirrikjama lura l-versament ta’ elf lira (Lm1000) li jissemma fit-tieni skeda u li hi kienet ghaddiet lill-Club fil-mument tal-ftehim”;

Premess is-suespost, jibda biex jigi osservat illi, kif deciz, guridikament “*la clausola penale nel nostro diritto positivo, che ha seguito la ragione datone dal Codice Napoleone all’ articolo 1229 e dal Codice Civile Italiano negli articoli 1209 e 1212 è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l’ inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazione convenzionale*” - “**Goffredo Chretien *nomine et* -vs- John Ciancio**”, Appell Kummercjali, 13 ta’ April 1921 (**Kollez. Vol. XXIV P I p 1110**);

Kif ulterjorment spjegat, “il-klawsola penali f’ kuntratt hija klawsola li biha wiehed mill-kontraenti sabiex jassikura l-ezekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni minnu assunta jobbliga ruhu ghal xi haga ghall-kaz li hu ma jezegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma” (**Kollez. Vol. XLI P II p 1108**; “**Direttur tal-Kummerc -vs- Marie Louise Gatt**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998);

Minn dan jitnissel ghalhekk illi min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligazzjoni minnu assunta hu

obbligat ihallas dik il-penali jekk hu ma jipprovax illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali (**Kollez. Vol. XLIII P I p 259**);

Fermi dawn l-aspetti guridici, il-kwestjoni jekk kienx hemm ksur ta' l-obbligazzjoni tiddependi sostanzjalment mill-valutazzjoni tal-provi. L-ewwel Qorti sabet illi s-socjeta` appellanti ma rnexxielhiex tiddemostra positivament l-allegazzjoni taghha li kien hemm tabilhaqq il-ksur tal-klawsoli 8 (b) u (c) da parte tal-Club konvenut; b' mod principali li l-Club konvenut kien qed ihalli l-magni tas-socjeta` appellanti mitfija. Is-socjeta` appellanti tikkontestalha dan l-apprezzament tal-provi izda fil-fehma ta' din il-Qorti tali apprezzament li waslet ghalih l-ewwel Qorti jidher li hu sostanzjalment korrett in kwantu bazat fuq l-analisi tax-xhieda mismugha u l-attendibilita` taghhom. Fil-verita`, din il-Qorti ma tarax ghaliex f' dan il-kaz ma ghandux jissokta japplika l-principju, ormai ben saldat fil-gurisprudenza, illi din il-Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi li jwassluha ghall-konvinciment illi dik il-Qorti ppekkat fl-evalwazzjoni li ghamlet. Ara "**Joseph Walker *nomine* -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Mir-ri-ezami taghha tal-provi din il-Qorti hi perswasa illi l-fatt allegat tal-qtugh ta' l-*electrical supply* lill-magni tas-socjeta` appellanti mhix hlief skuzanti ghall-fatt illi d-dhul realizzat mill-magni ma kienx qed jilhaq l-aspettattivi taghha. Din il-Qorti ssibha ferm difficli li taccetta l-allegazzjoni fornita in kwantu mhux verosimili li l-Club konvenut, kompartecipi wkoll fid-distribuzzjoni tad-dhul, kien qed ihalli l-magni appozitament mitfija;

Fit-tentattiv li tadombra x-xhieda tal-Club appellat is-socjeta` appellanti tittanta tqajjem suspett dwar il-kredibilita` ta' din l-istess xhieda. Hekk per ezempju tikkontendi illi x-xhieda ta' Charles Aquilina kienet kontradittorja in kwantu dan iddepona illi "infatti kieku kont inhallihom mitfijin, kont nixghelhom meta kien ikolli l-

appuntament li gej ir-rapprezentant tal-kumpanija attrici”. Evidentement is-socjeta` appellanti ma gharfetx is-sarkazmu u l-ironija ta’ dawn il-kliem fil-kuntest li ntqalu. Dan ix-xhud qatt ma halla l-magni mitfijin u dan jispjega l-kontenut u l-portata tal-kliem appena accennati. L-ebda kontraddizzjoni ma hi riflessa minnhom;

Forsi jista’ jinghad illi x-xhieda ta’ naha u ta’ ohra hi konfliggenti u forsi wkoll imlewna bi spirtu partiggjan. Imma meta tinsorgi cirkostanza bhal din il-Qorti jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-oneru tal-provi, kif hekk ghamlet proprju l-ewwel Qorti. U allura gjaladarba kienet is-socjeta` appellanti li qed tallega l-ksur hi kienet mghobbija bil-piz inkombenti li turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan kien tassew hekk il-kaz. Dan id-disimpenn, anke fil-hsieb ta’ din il-Qorti, ma rnexxiliex taghmlu ghall-konvinciment morali u allura mhux mistenni li din il-Qorti tasal fuq dan il-punt ghall-konkluzjoni diversa minn dik ta’ l-ewwel Qorti;

Is-socjeta` appellanti tavvanza wkoll bi proposizzjoni illi donnu kien fl-intenzjoni komuni illi jekk l-introjtu ma jissuperax is-somma mensili stipulata allura una volta hi kienet bhala speci kostretta minhabba dan il-fatt tirrecedi mill-ftehim *ergo* is-somma ta’ elf lira versata minnha bhala *goodwill* kellha tigi rimborsata lura lilha. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ din il-proposizzjoni;

Jibda biex jigi osservat in linea ta’ massima generali illi “meta l-kliem ta’ l-att huma cari l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem, u mhux jirrikorri ghal kongetturi” (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 191** u **Vol. XLI P I p 531**);

Issa mill-iskrittura jirrizulta li s-somma indikata ta’ elf lira (Lm1000) giet donata mis-socjeta` appellanti lill-Club konvenut “*for the purpose of reconstruction and redecoration of the Zurrieq F. C. bar situated on the ground floor level of the club*”. Din se mai kienet l-intenzjoni komuni tal-kontraenti in kwantu tirrispekkja l-

motiv li bl-effettwazzjoni tad-donazzjoni ghal dak l-iskop is-socjeta` appellanti kienet ser tithalla tintroduci l-magni taghha fil-Club. Minn imkien mill-iskrittura ma nsibu ness bejn din l-ghotja u l-fatt illi, f' kaz ta' terminazzjoni minhabba non-realizzar tad-dhul aspettat, dan kellu jgib ir-rifuzjoni lura tas-somma donata. U allura din il-Qorti ma tistax ragonevolment taccetta l-proposizzjoni kongetturata tas-socjeta` appellanti. Jekk l-aspettattivi spekulativi li s-socjeta` attrici bassret li taghmel fil-futur mill-magni ma ntlahqux, dan ma jgibx ghalhekk illi l-Club konvenut ghandu jkun kostrett jirrimborsa l-ghotja ta' flus li saritlu fil-mument tal-ftehim. It-terminazzjoni tal-ftehim ghal dik ir-raguni kien dritt tas-socjeta` appellanti kif masub fi klawsola 9. Dak li hu cert, pero`, hu illi l-Club ma jistax in bazi ghall-apprezzament tal-provi jigi rinfaccjat b' xi qerq jew vizzju iehor li seta' mpinga fuq il-kunsens tas-socjeta` appellanti meta minn rajha ghamlet dik l-ghotja. Anke allura l-ilment tas-socjeta` appellanti f' dan il-kuntest ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra ta' l-ewwel Qorti, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------